MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 770/2006

***First Investments Limited***

***versus***

**Alexander Grech u Nicolette Grech**

F’din il-kawża s-soċjetá attriċi qiegħda titlob illi l-konvenuti jroddulha sitt elef u ħames mitt lira (Lm6,500) – daqs ħmistax-il elf, mija u erbgħin euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€15,140.93) – imħallsa akkont tal-prezz ta’ bejgħ li ma seħħx, flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż ġudizzjarji. Waqt is-smigħ tal-kawża l-partijiet waslu għal ftehim li tniżżel fil-verbal tallum u talbu li tingħata sentenza skond dak il-ftehim.

Il-qorti għalhekk wara li rat il-verbal tal-ftehim taqta’ l-kawża billi tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lis-soċjetá attriċi ħmistax-il elf, mija u erbgħin euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€15,140.93) bl-imgħax legali mill-10 ta’ Lulju 2006, u tikkundannahom ukoll iħallsu l-ispejjeż ġudizzjarji

kollha, b’dan iżda illi din is-sentenza ma tkunx esekwibbli qabel sitt xhur millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------